MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### AARON BUGEJA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Numru. 18/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Gerald Attard**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 3 ta' Jannar, 2014 migjuba fil-konfront ta` Gerald Attard ta' 33 sena, iben Paul Attard u Maria Lourdes nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar is-16 ta' Frar, 1980 u residenti gewwa 'Nid D'Amour', Triq San Martin, Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 116080(M).

L-imputat akkuzat talli:

Nhar l-24 ta' Settembru, 2013 bejn il-hdax ta' filghodu u s-siegha ta' waranofsinhar (11.00 hrs – 13.00 Hrs) gewwa l-parkegg tal-kumpless 'Baystreet' li jinsab San Giljan:-

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittantajikkometti feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Johan Briffa u urejt dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bi ksur tal-artikolu 41(1)(a);
2. Talli kkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Johan Briffa hekk kif iccertifika Dr. Kevin Navarro Gera M.D. u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tal-10 ta' Marzu 2014 waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) u 370(4) tal-Kodici Kriminali, huwa wiegeb li kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja kif jidher minn fol 12;

Rat ukoll li waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali, huwa wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u wara li taghtu ftit taz-zmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat tieghu u jiddeciedi jekk hux ser jerga lura minnha, l-imputat wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet migjuba;

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis li dawn huma sodisfacentement pruvati. Ghalhekk, meta qieset kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjarah hati f'dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ammetta htijietu fl-aktar stadju bikri tal-proceduri penali mossi kontrih.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Johan Briffa li spjega lil Qorti li dan kien incident wahdieni bejnu u bejn l-imputat u li minn dak in-nhar tal-incident 'il quddiem ma kienx hemm incidenti ohrajn minkejja illi l-imputat u hu jahdmu fl-istess stabbiliment. Tenna li minn naha tieghu kien lest illi jahfer lil imputat ghalkemm eziga li incidenti bhal dak imputati ma jerghux isehhu fil-konfront tieghu u fil-konfront tan-nies li jahdem maghhom. F'dan is-sens huwa ddikjara li ma ghandux interess li dawn il-proceduri jitkomplew ghalkemm ried il-protezzjoni tal-Qorti. Ghalhekk ghazel li jirrinunzja ghal azzjoni kriminali sa fejn tali azzjoni hija rinunzjabbli.

Semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur kif ukoll lid-Difiza jaqblu li f'dan il-kaz hemm lok li jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decide : -</u>**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 214 u 216, 221 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, fuq l-ammissjoni tieghu stess, qeghda ssib lill-Gerald Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; izda peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi Artikoli 7(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u c-cirkostanzi li sehhew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twahhal piena, izda li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta, u ghalhekk il-Qorti qeghda taghmel ordni li biha tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta’ sena mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti fissret lill-Gerald Attard bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, il-hati jkun jista jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti inoltre, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali sabiex tipprovdi ghas-sigruta tal-parte civile Johan Briffa u sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku flimkien mal-piena hawn fuq imsemmija, tobbliga lill-hati Gerald Attard b’obbligazzjoni tieghu innifsu u dan taht penali ta’ elfejn euro (E2000) ghal perjodu ta’ tnax il-xahar millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------